MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2010

Numru 317/2009

Il-Pulizija
(Spettur Fabian Fleri)

vs

Herman Mizzi

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identità numru 343978M, akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Bejn l-21 ta' Jannar 2009 u it-13 ta' Marzu 2009, gewwa Zabbar u gewwa dawn il-gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta'

intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' ta xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' anqas minn 1164.7 Euros (elf, mija u erbgha u sittin Ewro) ghad-dannu ta' Stephen Degiorgio, Melita Cable plc u/jew persuni ohra;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' ogetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijuet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

5. fl-istess data hin lok u cirkostanzi sar recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Antonio Vella LL.D, datata 14 ta' Gunju 2006 liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat taht il-Kap 9 b'truffa (Artikolu 308), falsifikazzjoni (Artikolu 167 u 183) uzu scenti tieghu (Artikolu 184) u li hu recidiv.

Ghal dawn l-akkuzi l-imputat irregistra ammissjoni li hi volontarja u inkondizjonata. Hemm ukoll l-istqarrija tieghu fejn tattesta ghall-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri fejn l-imputat ammetta li uza isem haddiehor u sahansitra uza l-isem ta' dan il-haddiehor biex jissotoskrivi u jottjeni servizz tal-internet mis-socjeta' Melita Cable.

Rat l-Artikoli tal-ligi fuq citati flimkien mal-Artikolu 49, 50 u 17 tac-citat Kap. Tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal tlett snin mill-lum sakemm ma jikkommettiex reat iehor f'dan il-perjodu u tordnalu li zmien sitt xhur ihallas dak li hu dovut lis-socjeta' Melita Cable.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------